GUDJA

Minuti tal-erbgħa u tlettin laqgħa msejħa b'urġenza tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 24 t'Ottubru 2011.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | John Mary Calleja |
| Viċi-Sindku: | Romeo Baldacchino |
| Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut u Anthony Dalli |

Skużat: Kunsillier: Osvaldo Pace

1. Trasport Pubbliku – progress
   a. Rotta X5 - skond l-email datata 20 t'Ottubru 2011 hawn hekk annessa u li tifforma parti integrali ma' l-agenda.

2. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.15p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Trasport Pubbliku - progress**

1.1.0 Rotta X5 - skond l-email datata 20 t'Ottubru 2011 hawn hekk annessa u li tifforma parti integrali ma' l-agenda.

1.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku spjega li l-Kunsill wara r-rappreżentazzjonijiet, li għamel, ġie infurmat, permezz ta' email datata 20 t'Ottubru 2011, li r-Rotta X5 ser tkun qed topera bejn l-Gudja u l-Belt Valletta, liema rotta ser tgħaddi mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

1.1.2 Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li din ir-rotta ser ikollha frekwenza ta' kull 30minuta. Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' din l-email datata 20 t'Ottubru 2011 u qabel li din tifforma parti integrali mal-minuti ta' din il-laqgħa msejħa b'urġenza.

1.1.3 Saret diskussjoni estensiva fuq il-punti kollha mqajma f'din l-email ta' l-20 t'Ottubru 2011 u wara deliberazzjoni iddeċieda skond is-segwenti:-

a. Triq Raymond Caruana issir one-way mill-Junction ma' Dawret il-Gudja

b. numru ta' parkeġġ fi Triq William Baker iridu jitneħħew iżda għandu jsir arranġament sabiex jiżdid il-parking fejn qabel kienet il-venda kif ukoll fid-daħla ta' Triq San Mark.

c. Ħajt maħruġ il-barra fi Triq San Ciru. Il-Kunsill qabel li jsir dak kollu meħtieġ u ssir talba lill MEPA sabiex dan il-ħajt jitneħħa jew jinbena sewwa l-ġewwa u jitneħħa l-periklu u l-inkonvenjent preżenti.

d. Il-Kunsill qabel li jitlob klarifika dwar ir-rotta X5 li tibqa' tgħaddi minn Triq San Ċiru

e. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex issiru traffic lights jew xi forma ta' roundabout fit-tarf ta' Triq Bir Miftuħ li tiżbokka f'Dawret il-Gudja sabiex it-traffiku li jkun ħiereġ/dieħel fi Triq Bir Miftuħ ikun jista' jimxi bla tfixkil.

f. Il-Kunsill ra li l-ilmenti dwar is-servizz tat-Trasport Pubbliku għadhom deħlin mingħand ir-residenti u qabel li jkompli f'kuntatt mat-TM sabiex jiġi assigurat li dak li jkun miftiehem iseħħ u li jsiru l-emendi meħtieġa minn żmien għal żmien sabiex ir-residenti tal-Gudja jkunu moqdijin aħjar u b'hekk it-trasport pubbliku jikseb is-suċċess meħtieġ.

g. Il-Kunsill qabel illi jkompli jinsisti mat-TM sabiex ikun hemm servizz dirett minn u għal Raħal Ġdid u li jkun frekwenti u li ma jieħdux tul ta' ħin waqt dan it-traġit.

**2.0 Għeluq tal-laqgħa**

2.1 Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa ġie eżawrit, l-laqgħa għalqet fit-7.45p.m. sine die.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________